MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 58/2011

**Rudolph Azzopardi**
**(ID 419777M)**

**vs**

**Market Handle Ltd (C-49546) u Donald Micallef, kjamat in kawza fid 9 ta' Lulju 2012**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Frar 2011 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasaha s-somma ta' tmien t'elef u erbghin (€8,040) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' aircondition units.

Bl-ispejjez inkluzi tal-Mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment u bl-imghax mid-data tal-pprezentata sad-

data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew notifikat lis-socjeta intimata kif trid il-Ligi u fit-8 ta' Frar 2012 gie ipprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta Market Handle Limited.

Rat illi fit-13 ta' Frar 2012, dehret rapprezentanta tas-socjeta Market Handle Limited illi kkontestat il-kawza u talbet li tipprezenta l-eccezzjonijiet.

Rat illi fl-10 ta' Mejju 2012, is-socjeta intimata ressqet l-eccezzjonijet taghha.

Rat illi fid-9 ta' Lulju 2012, r-rikorrent talab il-kjamat in kawza ta' Donald Micallef, liema talba intlaqghet mill-Qorti dakinhar stess.

Rat illi l-avviz ta' smiegh u t-talba gew notifikati lil Donald Micallef permezz ta' affissjoni imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar, w'il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u fil-post tal-konvenut gewwa San Pawl il-Bahar, fit-30 ta' Jannar 2013, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati 31 ta' Jannar 2013 (fol 48 tergo).

Rat illi il-konvenut gie ukoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-1 ta' Frar 2013 (fol. 47) u fil-gazzetti lokali The Times fid-9 ta' Mejju 2013 (fol 55).

Illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2013 l-attur pprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut Donald Micallef (fol 58).

Rat illi fis-seduti tat-3 ta' Gunju 2013 il-konvenut Donald Micallef gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-

istess attur kontra Donald Micallef tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut Donald Micallef ihallas lill-attur s-somma ta' tmien t'elef u erbghin (€8,040),kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.**

**Il-kawza hija differita ghat-12 ta' Lulju 2013 fid-09.00 ta' fil-ghodu ghall-kontinwazzjoni tal-proceduri fil-konfront ta' Market Handle Limited.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------